# PAPIET

## li jidħlu fl-istorja Parrokkjali tal-Mosta

*minn **Joseph BORG***

Għalina li nemmnu li l-Papiet huma s-suċċessuri ta' San Pietru magħżul minn Kristu biex ikun il-Kap tal-Knisja, kull Papa huwa għażiż. Iżda billi xi ftit minnhom għandhom isimhom marbut ma' l-istorja parrokkjali tagħna, jixraq li lil dawn 'il ftit insemmuhom u ngħidu xi ħaġa żgħira dwarhom u xi ħaġa wkoll kif jidħlu fl-istorja tal-Parroċċa tagħna tal-Mosta.



### Il-Papa Pawlu V

Il-Papa Pawlu V twieled fis-17 ta' Settembru 1552 f'Ruma (jew Siena?) u kien iben ta' professur magħruf tal-liġi. Saltan fuq it-Tron ta' Pietru bejn is-16 ta' Mejju 1605 u t-28 ta' Jannar 1621. Matul il-Pontifikat tiegħu kkanonizza lil Karlu Borromeo u Franġiska Rumana filwaqt li bbeatifika lil Injazju ta' Loyola, Franġisku Saverju, Filippu Neri u Tereża ta' Avila. Kellu għal qalbu r-riforma reliġjuża u nkuraġġixxa l-missjonijiet. Fost affarijiet oħra kompla wkoll il-bini tal-faċċata u l-portiku tal-Bażilika ta' San Pietru.

Il-Parroċċa Mostija ġiet imwaqqfa fi żmienu u fid-dokument ta' l-erezzjoni, l-Isqof Tumas Gargallo jgħid li hu kien qed iwaqqaf il-Parroċċa tal-Mosta u jifridha minn dik tan-Naxxar, bir-rieda ta' l-Imqaddes Papa Pawlu V u tas-Sede Appostolika.



### Il-Papa Girgor XVI

Dan il-Papa kien minn Belluno, Venezja, twieled fit-18 ta' Settembru 1765 u saltan mit-2 ta' Frar 1831 sa l-1 ta' Ġunju 1846. Kien iben ta' avukat aristokratiku. Qabel laħaq Papa, kien Patri Benedittin, għaref u awtur u kontra x-xejriet moderni ta' dak iż-żmien. Fi żmienu qajjem mill-ġdid il-missjonijiet tant li ħatar madwar 200 isqof fl-artijiet tal-Missjoni. Iddenunzja l-jasar u l-kummerċ ta' l-ilsiera u nkuraġġixxa l-kleru indiġenu. Fost oħrajn waqqaf ġewwa l-Vatikan il-Mużew Etruskan u dak Eġizzjan.

Fi żmienu bdiet tinbena r-Rotunda, u kien dak iż-żmien li l-Kappillan Mosti Dun Ġammarì Schembri b'kuraġġ kbir mar Ruma biex jara kif jista' jagħmel u jiddobba l-flus biex ikun jista' jkompli l-bini tar-Rotunda. Irnexxielu jaqla' mingħand il-Papa Girgor XVI, Ittra Appostolika li kienet iġġiegħel lill-Isqof ta' Malta, Publiju Marija dei Conti Sant, li kif imut l-Isqof Caruana, li tiegħu kien kuġitur, kellu jagħti lill-fabbrika tal-knisja tal-Mosta 3,000 skud (Lm250) fis-sena, żmien għaxar snin, minn dak li ddaħħal il-messa ta' l-Isqof.



### Il-Papa San Piju X

San Piju X twieled fit-2 ta' Ġunju 1835 f'Riese, qrib Treviso, u kien Papa bejn l-4 ta' Awwissu 1903 u l-20 ta' Awwissu 1914. Missieru kien il-pustier tar-raħal u ommu waħda ħajjata. Kien kappillan ta' Salzano, kanċillier ta' Treviso u direttur tas-Seminarju t'hemmhekk ukoll. Sar Isqof ta' Mantova, Kardinal u Patrijarka ta' Venezja u fl-aħħar Papa. Għalkemm kien meqjus bħala konservattiv ħafna fir-riformi tiegħu, baqa' magħruf bħala kostruttiv. Kien ukoll pijunier tal-moviment liturġiku modern. Kien umli u għalhekk qaddis u fuq kollox devot kbir ta' l-Ewkaristija Mqaddsa għaldaqstant għamel kemm felaħ biex iressaq lill-Insara kollha speċjalment it-tfal lejn Ġesù Ewkaristija.

Meta fl-1913 iltaqa' f'Malta l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, kien dan il-Papa li bagħat fostna lil Kardinal Domenico Ferrata bħala Legat tiegħu. Il-Mosta kellha l-unur kbir u rari li tilqa' lil dan il-Legat tal-Papa San Piju X imsieħeb minn erba' kardinali oħra ġewwa r-Rotunda glorjuża tagħha, f'Kungress miġbur mid-dinja kollha għall-ġieħ ta' Ġesù Ostja.



### Il-Papa Piju XII

Eugenio Pacelli iben ta' avukat fis-servizz tal-Vatikan twieled fit-2 ta' Mejju 1876. Sewwa sew 63 sena wara, nhar it-2 ta' Marzu 1939, laħaq Papa u dam sad-9 ta' Ottubru 1958. Kien skular brillanti u kellu karriera brillanti wkoll li minn Arċisqof titolari ta' Sardes wasslitu biex jiġi mibgħut Nunzju fil-Ġermanja. Piju XI għamlu Kardinal u ftit wara Segretarju tal-Istat tal-Vatikan. Kien Papa kbir, għaref u qaddis li mexxa l-Knisja fi żminijiet tassew imqallba u diffiċli. F'dinja mfarrka bit-tieni gwerra dinjija ħadem biex ikun hawn il-paċi. Ħareġ enċikliki kbar u ta' fejda u kkanonizza 33

persuna fosthom '1 Piju X. Ipproklama s-Sena Mqaddsa ta' l-1950 u s-Sena Marjana fl-1954. Fuq kollox ipproklama bħala Domma ta' fidi t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u bil-ġisem, nhar l-1 ta' Novembru 1950.

Għall-Parroċċa tagħna li tqim u tħobb '1 Assunta bħala l-Patruna glorjuża tagħha huwa Papa għażiż. B'tifkira ta' dan il-Papa ta' l-Assunta fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali, ftit wara d-Domma sar kwadru tiegħu, xogħol tal-pittur Ġużeppi Fiorentino. Il-panew tal-bronż ta' wara tal-bankun ta' Santa Marija juri wkoll lil Piju XII waqt il-Proklamazzjoni tad-Domma, xogħol l-iskultur Ruman Carlo Pisi. Fl-okkażjoni tal-Festa titolari tintrama f'nofs il-Pjazza fuq kolonna l-istatwa ta' Piju XII, xogħol l-iskultur Mosti Ġanni Bonnici. Kif kien jixraq ukoll fil-Mosta ssemmiet triq għal dan il-Papa.



## Il-Papa Pawlu VI

Giovanni Battista Montini twieled f'Concesio qrib Brescia fis-26 ta' Settembru 1897 u kien ukoll iben ta' avukat. Kien kollaboratur kbir tal-Papa Piju XII hekk li laħaq pro-segretarju ta' l-Istat. Fl-1954 laħaq l-Arċisqof ta' Milan u sar magħruf bħala l-Arċisqof tal-ħaddiema. Fl-1958 Ġwanni XXIII għamlu Kardinal. Kompla l-Konċilju Vatikan II mibdi mill-predeċessur tiegħu l-Papa Ġwanni XXIII, u kellu x-xorti jagħlqu wkoll fl-1964. F'egħluq il-Konċilju, ipproklama '1 Verġni Marija bħala Omm il-Knisja. Jibqa' msemmi l-pellegrinaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa fl-1964. Fl-1970 f'pellegrinaġġ minn tiegħu fil-Lvant Imbiegħed għal naqra ma kienx ġie assassinat. Fost l-Enċikliki l-kbar li kiteb insemmu biss l-*'Umanae Vitae'*, enċiklika favur il-ħajja li ġiegħlitu jsofri ħafna minħabba li ma ntlaqgħetx kif kien mistenni. Il-Pontifikat diffiċli tal-Papa Pawlu VI, ħafna drabi mimli xewk beda nhar il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù - 21 ta' Ġunju 1963, u ntemm nhar is-6 ta' Awwissu 1978 - festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

25 sena ilu, il-Mosta ferħana, inkurunat ix-xbiha għażiża ta' Marija Assunta li għandha meqjuma ġewwa r-Rotunda. Kienet inkurunazzjoni li seħħet wara digriet maħruġ mill-Vatikan fl-1973 f'isem il-Qdusija Tiegħu il-Papa Pawlu VI. Nhar l-10 ta' Awwissu 1975, l-Arċisqof Mikiel Gonzi f'isem u bl-awtorità tal-Papa Pawlu VI inkuruna solennement l-Assunta tagħna. F'dik l-okkażjoni, l-Papa Pawlu VI kien bagħat barka speċjali mhux biss lill-Mostin imma lil poplu kollu ta' Malta. Bħala rikonoxxenza ta' dan kollu jixraq li fil-Mosta ta' l-anqas tissemma triq għal dan il-Papa.

*Dawn il-ħames papiet li semmejna flimkien ma' sebgħa oħra b'konnessjonijiet mal-Madonna ser ikollhom l-arma tagħhom impittra fuq il-bandalori l-ġodda tat-tnax-il trofew li jintramaw fil-pjazza għall-festa ta' Santa Marija. Diġa' rajna lesti ftit minnhom. Prosit lil kull min ħadem u għadu qed jaħdem biex isiru. Wieħed jittama, li din is-sena fl-okkażjoni tal-25 sena mill-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta narawhom lesti t-tnax.*


**Referenzi:**

1. The Oxford Dictionary of Popes - J.N.D. Kelly, p. 227-228.
2. Ibid. p.p. 307-308.
3. Ibid. p.p. 313-314.
4. Ibid. p.p. 318-320.
5. Ibid. p.p. 322-324.
6. Storja tal-Mosta miġbura minn E.B. Vella u Oħrajn, p. 77.
7. Ibid. p.p. 156-157.
8. Storja tal-Mosta miġbura minn E.B. Vella u Oħrajn, p. 220.
9. Ibid. p.p. 631, 633.
10. Storja ta' Malta fi Ġrajjiet il-Knisja - Il-Mosta u l-Parroċċa f'ġieħ l-Assunta - Id-Digriet ta' l-1608, p. 119, - Alexander Bonnici OFM Conv.



Adam's Boutique

For all Ladies Casual & Elegant wear.
Blouses, Shirts, Trousers, Skirts, Dresses, Skirts Suits, Trouser Suits, and much more.
Also Available Hats for Hire.
Large Sizes Available

64, Constitution Street, Mosta MST 08
Tel: 410134

Come and see our NEW SUMMER STOCK